MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Appell Kriminali Numru. 143/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marju Camenzuli**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Marju Camenzuli, karta ta' l-identita` numru 511244(M), talli:

(1) fid-9 ta' Novembru 2011 għall-ħabta tat-08:30hrs waqt li kien qiegħed fl-inħawi ta' Tat-Tomna tal-Mellieħa, kien qed jonsob għall-għasafar tal-għana, matul l-istaġun magħluq għall-insib tal-għasafar, u dan bi ksur tar-Reg. 18(1)(c), L.S. 504.71.

(2) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi żamm jew qafel xi għasfur li kien f' gaġġa jew reċipjenti ieħor ta' qies inqas minn 250mm għoli, 250mm tul u 150mm wisa' li meta tqis id-daqs ta' l-għasfur ma jkunx kbir biżżejjed biex l-

għasfur jew l-għasafar jiftħu ġwinħajhom, u dan bi ksur tar-Reg. 20(a), L.S. 504.71;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-13 ta’ Marzu 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat ir-Regolamenti 18(1)(c) u 20(a) tal-LS 504.71 tal-Liġijiet ta’ Malta ma sabitx lill-imsemmi Marju Camenzuli hati tat-tieni (2) imputazzjoni u lliberatu, iżda sabitu ħati ta’ l-ewwel (1) imputazzjoni u kkundannatu multa ta’ erba’ mitt euro (€400);

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Marju Camenzuli ppreżentat fit-22 ta’ Marzu 2013 fejn talab li din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma l-liberatorja fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni, tilqa’ l-appell billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fuq it-tieni imputazzjoni ta’ erba’ mitt euro (€400) u b’hekk tilliberah ukoll mit-tieni imputazzjoni;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant Marju Camenzuli huma s-segwenti:

> “Illi l-aggravju tal-esponenti li huwa car u manifest, jirrigwarda l-multa lilu moghtija dwar it-tieni akkuza u limitat ghalhekk biss, billi fil-fehma umli tieghu ma ngiebet l-ebda prova fil-konfront tieghu quddiem l-Ewwel Qorti dwar il-qies tal-gabbjetti partikolarment in vista tac-cirkostanzi prevalenti aktar qabel spjegati.
>
> “Filwaqt li l-Ewwel Qorti lliberat lill-esponenti mill-ewwel akkuza u cioe` dik li kien allegatament qed jonsob ghall-ghasafar tal-ghana, matul l-istagun maghluq ghall-insib tal-ghasafar u dan bi ksur tar-Reg. 18(1)(c), LS. 504.71, stante li l-ebda prova partikolarment il-video li gie indikat fl-affidavit tal-pulizija PS305 A. Gauci illi ittiehed mill-Birdlife, ma tressqet dwar tali akkuza, sabitu hati fuq it-tieni akkuza u cioe` dik li l-esponenti zamm jew qafel xi ghasfur f’xi gabbjetta ta’ qies li huwa indikat tar-Reg. 20(a), L.S. 504.71 meta l-prosekuzzjoni wkoll ma gabet l-ebda prova dwar dak allegat fit-tieni akkuza;
>
> “Tant hu hekk li fl-affidavits imressqa mill-istess prosekuzzjoni u cioe` dak ta’ PS 305 A. Gauci kif ukoll ta’ PC106 C. Abela filwaqt li jsemmu li l-esponenti kellu numru ta’ gabbjetti bl-ghasafar fil-kamra, ma hemm xejn minnhom indikat dwar il-qies tal-gabbjetti u dak kif huma stess stqarrew fl-affidavits taghhom;
>
> “B’sorpriza kbira ghalih, l-esponenti nghatatlu sentenza ta’ multa ta’ erba’ mitt ewro (€400) dwar it-tieni akkuza.
>
> “Fil-fehma tal-esponenti, bir-rispett kollu, l-Onorabbli Qorti tal-Ewwel Istanza ingustament u inkorrettament sabitu hati fuq it-tieni akkuza meta ma kienx hemm indikat mill-pulizija li appuntu kienu marru dakinhar stess u dahlu fil-kamra fejn raw l-ghasafar fil-gabbjetti kif jirrizulta mill-affidavits taghhom stess, li l-qies tal-

> gabbjetti kienu appuntu kontra dak kontemplat fir-Reg 20(a), L.S. 504.71. L-aggravju tal-esponenti huwa propju illi l-Onorabbli Qorti tal-Ewwel Istanza, fin-nuqqas ta' provi fuq il-qies, ma kellha qatt issibu hati wkoll fuq it-tieni akkuza."

**6.** L-appellant jibda biex jgħid li l-uniku aggravju tiegħu huwa dwar il-piena , u dan għax ma nġabet ebda prova dwar il-qies tal-gabbjetti. Iżda mbagħad jressaq aggravju ieħor, u cioe` li nstab ħati ħażin fuq it-tieni imputazzjoni li tirrigwarda ż-żamma jew qfil ta' għasafar f'gaġeġ żgħar. Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi l-appellant ġie lliberat mit-tieni imputazzjoni u għalhekk ma tistax tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju. Konsegwentement anke r-raġunijiet li jġib fl-aggravju tiegħu dwar il-piena huma nfondati.

**7.** L-appellant instab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni, u cioe` li kien qiegħed jonsob għall-għasafar ta' l-għana matul l-istaġun magħluq għall-insib ta' l-għasafar. Dan jirriżulta pjenament mill-ammissjoni tiegħu lill-Pulizija ta' l-ALE (ara affidavit ta' P.S. 305 A. Gauci).

**8.** Issa, il-prinċipju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[1].

**9.** Il-piena skond il-liġi viġenti (regolament 27(3)(a)) meta seħħ il-każ kienet ta' multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) iżda mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69). Kjarament il-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-liġi. Wara li din il-Qorti eżaminat il-provi u eżaminat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant ma tara l-ebda raġuni sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni kif eżerċitata mill-ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda l-*quantum* tal-multa.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

## < Sentenza Finali >

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

---------------------------------TMIEM---------------------------------